**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 19 - IT-TLIETA 13 TA' LULJU 2010**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:55pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku (waslet fit-20:02pm) |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* BIĊ |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Clifford Galea | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| Pubbliku: | Kien hemm żewġ persuni preżenti għal parti mil-laqgħa. | |

Hekk kif bdiet il-laqgħa s-SE informa li l-Kunsillieri Galea u Gatt kienu infurmawh li ma setgħux jattendu minħabba li jinsabu msifrin filwaqt li l-Kunsillier Bonello kellu impenn familjari.

Is-SE informa wkoll li għall-ewwel darba qed tingħaqad fil-laqgħa tal-Kunsill is-Sinj. Cuomo, *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Huwa spjega li hija għandha d-dritt li tipparteċipa f'kull diskussjoni iżda mingħajr id-dritt tal-vot.

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Il-Kunsill għadda biex jikkunsidra u japprova l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

1.2. Il-minuti ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mill-Viċi Sindku u mis-SE.

1.3. Il-Kunsillier Miceli staqsiet dwar il-programm Lifelong Learning fejn is-SE informa li dik il-ġimgħa stess, wara li s-Sindku kkonfermat fuq il-mawra ta' Reggio, kien se jkun ippreparat il-*flyer*. Is-Sinj. Miceli infurmat li diġà hemm konkorrenza tajba. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-bżonn li jsir xi ħaġa BIĊ għaliex inkella l-konkorrenza minn dik il-lokalità ma tistax tkun tajba. Is-Sinj. Miceli wieġbet li jekk imqar ikun hemm għaxar persuni tkun tista' tgħaqqad klassi.

1.4. B'riferenza għall-para. 7.3 is-SE informa li kien irċieva risposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ffirmata minn Gemma Debono fejn kien mitlub jinforma lill-Kunsill li ma jistax jonfoq fondi fuq attivitajiet bħal tal-mawra ta' Reggio u lanqas bħala reċiprokazzjoni futura għall-ospitalità li ngħatat lis-Sindku personalment.

1.5. F'dan il-ħin waslet is-Sindku.

1.6. Il-Kunsillier Sammut tkellem dwar para. 10 u talab li jsir sottokumitat biex jevalwa kif marret l-aħħar attività. Kien hemm qbil għalhekk li jkunu ċċirkolari l-kummenti biex jitħejja rapport wieħed u jkun ippreżentat lill-Kunsill.

1.7. Is-SE tkellem dwar para. 12 fejn talab lill-Kunsill jikkonferma l-programm ta' attivitajiet li bagħat bħala inizjattiva tal-Kunsill għall-memo 73/2010 tad-Dipartiment. Il-Kunsill qabel mal-programm.

**2. KOMUNIKAZZJONIJIET**

2.1. Is-Sindku tkelmet dwar il-laqgħat li kellha dwar il-mawra ta' Reggio fejn semmiet li din id-darba, minkejja li l-prezz se jibqa' l-istess, se jkunu offruti aktar eskursjonijiet. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jaċċetta l-ewwel tletin fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jieħu l-ewwel id-dritta li jintgħażel iżda dawk li ma jkunux ħadu l-opportunità s-sena ta' qabel ikunu preferuti. Il-Kunsill qabel ukoll li jippubblika l-avviż flimkien ma' *flyer* ieħor tal-avviż tal-Lifelong Learning biex ma jidħolx fi spejjeż żejda.

2.2. Is-SE informa li l-persuna assenjata mill-IPSL mal-Kunsill Jimmy Buhagiar kien inbidel u minflok intbagħat Marc Pace.

2.3. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa ma' TCTC biex joffri l-korsijiet tal-ECDL bla ħlas iżda għal numru limitat ta' nies. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk l-ammont ta' applikanti jkun aktar mil-limitu, il-Kunsill jorganizza ieħor permezz tal-Lifelong Learning.

2.4. Il-Kunsill laqa' talba ta' parteċipazzjoni f'attività mal-i*scouts* tan-Naxxar. Lill-Kunsill tinvolvih biss l-ispejjeż ta' tliet xarabanks filwaqt li l-kumplament tal-attivitajiet u kull ma hu meħtieġ se jieħdu ħsiebu l-i*scouts.*

2.5. Is-SE informa li kellu talba minn One TV biex il-Kunsill isib grupp ta' tmien persuni li jirrappreżentaw lil-lokal fuq il-programm Assedji. Minkejja li kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob lill-għaqdiet jinnominaw persuni interessati biex jipparteċipaw, meta l-Kunsillier Brincat indaga permezz tat-telefon, kien infurmat li n-numru meħtieġ ta' parteċipanti għall-programm kien diġà ngħaqad u għalhekk ma kienx hemm skop li l-Kunsill ikompli dwar dan is-suġġett.

2.6. Is-SE informa li kien irċieva *email* mingħand il-*Magħtab Residents Association* fejn kienu qed iressqu diversi lmenti fuq il-Magħtab. Il-Kunsill qabel li għandu jirreferi dawn l-ilmenti lil Wasteserv għaliex jemmen li huma għandhom id-dmir li jaċċertaw li dik iż-żona ikkurata. Il-Kunsill għalhekk talab li Wasteserv għandhom jorganizzaw laqgħa huma mal-*Magħtab Residents Association* u l-Kunsill għandu jkun infurmat. Il-Kunsillier Brincat ippropona li l-Kunsill jikteb dwar dan fil-ġurnali. Is-Sinj. Cuomo rrimarkat ukoll li s'issa għadu qatt ma ntbagħat l-Eco Councillor li kien imwiegħed.

2.7. Il-Kunsillier Brincat informa lill-Kunsill li kellu lment minn sid ta' krejn li kellu permess fi Triq Ħal Dgħejf u li minħabba li kien ippressat bix-xogħol ma setax jiġi japplika għall-permess jumejn qabel. Minħabba li min-naħa tal-amministrazzjoni ma kienx possibbli li jivvalutaw l-istat tal-bankina u t-triq huwa ddikjara li dawn kienu fi stat tajjeb u għalhekk għamel dikjarazzjoni bil-kitba, ħalla garanzija ta' €116 u nħariġlu l-permess. Wara li tlesta x-xogħol saret spezzjoni tal-bankina u rriżulta li kellha partijiet imkissra u għalhekk l-amministrazzjoni m'approvatlux il-ħlas lura tal-garanzija suġġett li jirranġa l-bankina. Is-Sur Brincat kompla li, wara li kellmu sid il-krejn, huwa indaga u staqsa lill-ġirien li kollha kkonfermaw li l-ħsara fil-bankina kienet hemm qabel ma poġġa l-krejn u għalhekk talab lill-Kunsill jikkunsidra li jiġġustifika t-talba ta' sid il-krejn u jqis li m'għamilx ħsarat fil-bankina u jingħata l-garanzija lura. Is-Sindku iddikjarat kontra minħabba li dan jista' jkun preċedent kontra l-interessi tal-

Kunsill. Il-Kunsill ma' laqax it-talba tal-Kunsillier Brincat filwaqt li qabel li jekk kemm-il darba l-bankina tkun irranġata għas-sodisfazzjon tal-Kunsill il-garanzija tingħata lura.

## 3. RAPPORT MILL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BIĊ

3.1. Is-Sinj. Cuomo tat rendikont tal-ewwel laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv li saret il-ġurnata ta' qabel 12 ta' Lulju filwaqt li s-SE kien qassam kopja tal-minuti lill-membri kollha.

3.2. Il-Kunsill approva l-kontenut tal-minuti.

## 4. APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA' ĦLASIJIET

4.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' ħlasijiet pendenti li kienet approvata u ffirmata mis-Sindku, mill-Viċi Sindku u mis-SE. Din kienet tinkludi wkoll informazzjoni dwar id-dħul kollu li sar f'Ġunju 2010. Il-lista hija annessa f'A.

4.2. Il-Kunsill iddiskuta l-kont tad-dawl u l-ilma taċ-Ċentru Ċiviku fejn is-SE spjega li dak kien kont akkumulat u li jeħtieġ li l-Kunsill jiftiehem mal-entitajiet li jużaw iċ-Ċentru. Il-Kunsill qabel.

4.3. Il-Kunsillier Sammut semma li għandu jkun hemm aktar kontrolli dwar il-BBQ's li qed isiru fuq il-kosta minħabba l-ħmieġ li jħallu.

4.4. Il-Kunsillier Sammut talab lill-Kunsill jikkunsidra li jpoġġi *mobile toilets* fil-*picnic site* tas-Salina għas-sajf biss. Il-Kunsill qabel li jipprova jirranġa ma' kuntrattur li jpoġġi *mobile toilets* mingħajr spejjeż għall-Kunsill u li jista' jitlob ħlas għall-użu tagħhom.

4.5. Is-SE ippreżenta wkoll il-lista tal-ordnijiet li saru f'Ġunju li kienet approvata. Din hija annessa f'B.

## 5. OFFERTI GĦAX-XOGĦOL TA' *LANDSCAPING* FI TRIQ IN-NAĦAL

5.1. Is-SE fakkar li l-Kunsill kien għad irid jieħu deċiżjoni fuq l-offerta ta' *landscaping* fi Triq in-Naħal. Peress li kien hemm biss żewġ offerenti u peress li Ricky Caruana, li tefa' offerta €8,400 irħas mill-offerta l-oħra, kien għadu kemm lesta x-xogħol ta' Triq Sir H. Luke għas-sodisfazzjon tal-Kunsill kollu, il-Kunsill qabel li jagħti l-offerta lilu.

## 6. INAWGURAZZJONI TAL-ĠNIEN IL-ĠDID FI TRIQ SIR H. LUKE

6.1. Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li l-ġnien il-ġdid ikun inawgurat il-Ħadd 8 ta' Awwissu waqt iż-żjara tal-parteċipanti minn Mornago u li jissemma għall-ġemellaġġ.

6.2. Il-Kunsill għalhekk qabel li jsemmi l-ġnien 'Ġnien Mornago' filwaqt li jkun hemm skrizzjoni addizzjonali fuq il-lapida li tgħid li dan qed jiġi inawgurat fl-okkażżjoni tal-ġemellaġġ ma' Mornago.

## 7. IL-PREPARAMENTI GĦALL-ĠEMELLAĠĠ MA' MORNAGO

7.1. Is-SE ta rendikont tal-preparamenti li qed isiru biex l-attivitajiet fl-okkażjoni tal-ġemellaġġ ikunu suċċess. Fost l-oħrajn semma li qed isir dak kollu possibli biex ikollna l-aqwa servizzi possibbli bl-inqas spejjeż. Infatti s-Sindku kienet diġà għamlet kuntatti biex kisbet prezzijiet tajbin ħafna b'mod partikulari għall-ikliet fosthom f'Villa Arrigo u Villa Mdina.

7.2. Is-SE informa wkoll li qed isiru diversi manutenzjonijiet u li naturalment jirrikjedu ċertu spejjeż. Manutenzjoni qed issir ukoll fl-uffiċini tal-Kunsill fejn fost l-oħrajn se tinbidel il-purtiera tas-sala tal-laqgħat li kienet qiegħda fi stat ħażin ħafna. F'dan ir-

rigward is-Sindku talbet pariri mingħand il-Kunsillieri biex jintgħażel il-materjal. Kien hemm qbil li jintgħażel materjal mingħand JB Stores.

7.3. Is-SE informa li, minħabba li huwa meħtieġ ammont sostanzjali ta' trasport, kien ippubblika avviż għall-kwotazzjonijiet u b'riżultat waslu żewġ kwotazzjonijiet, waħda mingħand Paramount Garages (€1,652) u l-oħra mingħand Zarb Coaches (€1,775). Minħabba li ta' Paramount Garages kienet irħas il-Kunsill għażel dik ta' Paramount Garages.

7.4. Is-SE appella lil kulħadd biex jgħaddulu d-disponibilità tagħhom ħalli jkun jista' jipprogramma aħjar. Huwa wiegħed li se jibgħatilhom programm aġġornat.

**8. SKEMI TAD-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI**

8.1. Dwar l-iskema tal-attivitajiet il-Kunsillier Brincat ippropona li l-Kunsill għandu jagħżel biss attività waħda għaliex l-attivitajiet qed ixekklu l-ħidma l-oħra tal-Kunsill lejn ir-residenti. Dan il-prinċipju kien milqugħ mill-Kunsill u wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jżomm l-attività tal-Milied.

8.2. Is-SE reġa' fakkar li, tkun xi tkun l-attività hemm bżonn ħafna għajnuna għaliex ma jistax ikun li l-amministrazzjoni tibqa' toħroġ ħafna 'l barra minn dak li suppost tagħmel b'detriment għall-istess ħaddiema. Huwa insista fil-bżonn li jkun hemm iżjed nies li jaħdmu speċjalment ukoll biex isir l-armar. Dwar dan huwa semma li l-problema kbira kienet li riedu jintramaw wisq affarijiet f'lejl wieħed u għalhekk kieku l-Kunsill jikkunsidra li jagħlaq it-toroq minn kmieni x-xogħol jitħaffef aktar. Il-Kunsill qabel li għandhom jingħalqu t-toroq sa minn ġimgħa qabel.

8.3. Is-Sindku fakkret li hemm bżonn li jkun ordnat aktar dawl għall-Milied.

8.4. F'dan il-ħin il-Viċi Sindku kien skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien l-21:50.

8.5. Il-Kunsillier Brincat offra li huwa jkun jista' jirranġa biex jikseb prezzijiet favorevoli għad-dawl tal-Milied.

**9. TMIEM IL-LAQGĦA**

9.1. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa filwaqt li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 27 ta' Lulju fis-19:30pm. Il-Kunsill talab lis-SE biex iżomm l-aġenda qasira minħabba l-impenji li hemm fuq l-organizzazzjoni tal-ġemellaġġ. Il-ħin kien l-21:55pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv